# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 10**

Il-Ħamis 20 ta' Frar 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

10.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

10.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 09 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

10.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

10.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

10.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li s-Sibt l-1 ta' Frar 2025 saret b'suċċess attivita' b'rabta mal-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali Għawdex bħala r-Reġun Kulturali għas-sena 2025. B'finanzjament mill-Kunsill Reġjonali Għawdex ġiet organizzata wirja b'tagħrif dwar il-Professur Ġużè Aquilina ġewwa Ġnien il-Professur Ġużè Aquillina.

10.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li saru ċ-ċelebrazzjonijiet kemm tal-Knisja kif ukoll esterni marbuta mal-Festa ta' San Pawl Nawfragu fejn il-Kunsill Lokali kkollabora mas-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin.

10.3.3 Is-Sindku informal ill-membri li ġie avviċinat mill-parroċċa sabiex il-Kunsill Lokali jikkollabora għall-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-lokalita' fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja, kif ukoll sabiex jittella' il-*musical* bl-isem "L-Appostlu tal-Ġnus" bis-

sehem ta' atturi stabbiliti. Is-Sindku għarraf lill-membri dwar possibilita' ta' skema mill-Kunsill Reġjonali Għawdex li l-Kunsill jista' jottjeni sabiex ikun jista' jgħin fil-finanzjament tal-*musical*. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jikkollabora fiż-żewġ proposti.

## 10.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

10.4.1 Il-Kunsillier, Mark Busuttil staqsa dwar il-proġett tal-bust tal-Professur Ġuże' Aquilina li kien approvat f'laqgħa preċedenti. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għadda l-informazzjoni lill-Perit tal-Kunsill sabiex issir applikazzjoni għall-permessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Wara dan il-proċess, tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti iżda bħalissa l-Kunsill u l-Perit tal-Kunsill iffukati fuq il-proġett tar-riġenerazzjoni tad-daħla tal-Munxar biex dan jitlesta kemm jista' jkun malajr.

## 10.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

10.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-proġett ta' tisbieħ fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka miexi b'rittmu tajjeb fejn hu flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddejjin b'ħidma ma taqta' xejn dwar dan il-proġett. Huwa nforma lill-membri li fil-jiem li ġejjin ser jinqalgħu l-arbli tad-dawl, qed issir pressjoni mal-Korporazzjoni tal-Ilma sabiex jinbidel il-*main* tal-ilma, tiġi nstallata sistema ta' *New Water* u għaddejjin bl-aħħar irtokki biex tibda tinħadem it-tabella tal-merħba. Is-Sindku informa lill-membri li jista' jkun hemm bżonn ta' estensjoni ta' ftit ġimgħat biex jitlesta l-proġett. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 10.6 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2024 – Diċembru 2024 (Ir-Raba' Kwart);

10.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart Jannar 2024 – Diċembru 2024 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 10.7 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2024;

10.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*financial statements* għas-sena 2024 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri. Dawn l-istqarrijiet finanzjarji kienu intbagħtu wkoll għall-attenzjoni tagħhom permezz ta' *email*.

Il-*financial statements* għas-sena 2024 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 10.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

10.8.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Attivita' "Dawra Durella lura fiż-Żmien" ħdejn l-Għajn t'Għajn Tuta – 1 ta' Ġunju 2025 organizzata mill-Għaqda Għajn Tuta Ta' Kerċem.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u din l-applikazzjoni għall-permess ser jintbagħat għan-*no objection* tal-Pulizija.

10.8.2 PQ 25064 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Kunsilli Lokali : Dog Parks u Cat Cafes. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

10.8.3 Ċirkulari SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €20,000 (inkluża l-VAT). Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-massimu tal-finanzjament b'rabta mal-ħames edizzjoni tal-attivita' annwali li jorganizza l-Kunsill "Fireworks and Gastronomy Festival" f'April 2026.

10.8.4 Ċirkulari SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja Lokalitajiet aktar nodfa. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni b'rabta mal-*World Cleanup Day* li jorganizza kull sena l-Kunsill f'Settembru 2025.

10.8.5 Ċirkulari SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess Finanzjament Milied 2025. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €15,000 (inkluża l-VAT). Il-Kunsill Lokali huwa

obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta’ 15%. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-massimu tal-finanzjament b’rabta mal-attivitajiet annwali li jorganizza l-Kunsill “December to Remember” f’Diċembru 2025.

10.8.6 Ċirkulari Nru AKL 2025/008 – MBA Event for the General Public as part of EMW 2025 Public. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.7 Ċirkulari Nru AKL 2025/009 – Getting HR Right – Mastering Interviewing Skills. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.8 Ċirkulari Nru AKL 2025/010 – URGENT appeal for O Positive and A Positive blood. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.9 Ċirkulari Nru AKL 2025/011 – The use of Public spaces & Public Furniture – Dissemination Strategy. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2025/012 – SMARTIES Project – Capacity Buidlinig in Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2025/013 – Post Vakant: Manager Amministrattiv – għall-attenzjoni tal-impjegati kollha. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2025/014 – MFWS Training in February. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2025/015 – SAGE and Book Keeping Course. Il-Kunsill innota l-kontenut.

10.8.14 Ilment 01/2025

Residenta titlob sabiex isiru STOP road marking signs impittra mal-art fi Triq il-Qroll fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan biex tintbagħat għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta. F’dan l-ilment, ir-residenta lmentat ukoll dwar nuqqas ta’ ndafa fi Triq Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Public Cleansing li jikinsu din it-triq kif ukoll il-Kunsill jibgħat ħaddiem jiknes kinsa tajba din it-triq.

10.8.15 Ilment 02/2025

Residenta tissuġġerixxi sabiex jiġu nstallati żewġ mirja tat-traffiku fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi biex vetturi li ħerġin minn Triq ir-Ranċis u Triq il-Qroll fix-Xlendi jaraw aħjar. Dan minħabba li jkun hemm *buses* u *minibuses* ipparkjati sikwit fi Triq ir-Rabat. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tintbagħat proposta lil Transport Malta għall-approvazzjoni u għall-installazzjoni tagħhom peress li hija triq arterjali.

**10.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

10.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 10/2025-9 għall-perjodu bejn l-24 ta' Jannar 2025 u l-20 ta' Frar 2025 li tammonta għal €25,995.48 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

**10.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

10.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv